**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI CIVILI**

**MAGISTRAT:**
**A. MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-21 TA' MARZU 2002**

**Citazzjoni numru 2/00**

**Joseph Cini**

**vs**

**Joseph Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici li tippremetti:

"illi l-attur huwa fil-pussess ta' porzjoni art maghrufa bhala "Ta' Grunju" fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka erba sighan pari ghal seba mija u disgha u erbghajn metri kwadri (749m.k) li tmiss lvant ma' beni ta' l-ahwa Portelli u tramuntana ma' beni ta' Carmela Buttigieg;

illi l-attur ilu jikkoltiva din l-art ghal diversi snin u kien dahal fil-pussess taghha proprju wara li l-konvenut irrilaxxja;

illi recentement il-konvenut abbuzivament ippretenda li ghandu l-jedd li meta jrid hu fid-diskrezzjoni tieghu jidhol jokkupa din l-art u effettivament ipprova anki jidhol fiha. Huwa gie mizmum biss permezz ta' mandat ta' inibizzjoni spedit fir-rigward tieghu mill-attur;

TALAB ghaliex ma ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara li l-art imsemmija tinsab validament fil-pussess ta' l-attur;

2. tiddikjara wkoll li l-konvenut ma ghandu ebda jedd dwarha;

3. konsegwentement izzomm u tinibixxi lill-konvenut milli jidhol jokkupa l-istess art;

   Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'April 1999 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 124/98.

   Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-elenku tax-xhieda ;

   Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. li fl-ewwel lok l-attur irid jiddikjara liema azzjoni possessorja huwa qieghed jezercita billi kemm l-azzjoni ghar-radd ta' pussess f'kaz ta' spoll kif ukoll l-azzjoni sabiex huwa jinzamm fil-pussess f'kaz ta' molestja illum jinsabu preskritti skond il-ligi;

2. li fit-tieni lok l-attur irid jikkwalifika l-pussess li bih huwa qieghed jippretendi li ghandu jokkupa l-art mertu tal-kwistjoni;

3. li l-eccipjenti kien gja fil-pussess ta' dan ir-raba meta l-attur intavola l-mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqaf lill-eccipjenti milli jibqa' jidhol fih;

4. li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ma ghandu ebda jedd li jokkupa r-raba de quo;

5. li jedd li jokkupa dan ir-raba ghandu l-eccipjenti li ghandu titolu validu u legali fuq l-istess raba;

6. li l-eccipjenti kull meta ippermetta lill-attur jahdem dan ir-raba, huwa ghamlu bi pjacir u b'mera tolleranza u bil-patt u l-kundizzjoni li meta jkun iridu huwa jiehdu lura u l-attur ikun obbligat li jirrilaxxja l-pussess tieghu f'idejn l-eccipjenti.

   Rat d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda annessa;

Semghet lid-difensur tal-attur jiddikjara b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni li l-kawza hija azzjoni ta' manutenzjoni fil-pussess (folio 12).

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-7 ta' Marzu 2001(folio 14) u s-sussegwenti digriet ta' dina l-Qorti fejn laqghet it-talba ghall-presentata tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat din in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri li biha l-konvenut eccepixxa l-improsegwibilita tal-azzjoni attrici stante li tinsab kolpita bil-preskrizzjoni ta' sena minn meta saret l-allegata molestja u dan ai termini tal-Artikolu 534 tal-Kodici Civili;

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata akkompanjanti l-eccezzjoni;

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 2001 fejn fuq talba tal-partijiet il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri;

Ezaminat in-noti ta' osservazzjonijiet presentanti mill-kontendenti;

Rat l-atti u d-dokumenti komprizi dawk konnessi mal-mandat ta' inibizzjoni allegati..

Ikkonsidrat:

Il-konvenut qieghed jecepixxi l-improsegwibbilita ta' l-azzjoni attrici stante li din tinsab kolpita bil-preskrizzjoni ta' sena minn meta saret l-allegata molestja ai termini ta' l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili.

Dan l-Artikolu jipprovdi li : "Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista' fi zmien sena mill-molestja jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenuti bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju".

Il-punt li l-Qorti hi msejha tiddeciedi, liema ezitu ghandu rilevanza fuq il-prosegwiment tal-kawza, huwa dak jekk l-azzjoni ta' manutenzjoni esperita mill-attur saritx fit-terminu ta' sena kif previst mill-artikolu fuq citat u dan irrispettivament jekk jissusistux l-elementi l-ohra biex isostnu l-azzjoni.

It-tezi tal-konvenut, li qieghed jinvoka d-dekadenza, hu appuntu dak li "jekk l-attur ma jippruvax li hu ttenta l-azzjoni possessorja fi zmien preskritt mill-ligi, l-azzjoni taqa' minhabba nuqqas ta' wiehed mir-rekwiziti' essenzjali taghha… [u] minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-allegata molestja fil-pussess saret f'xi jiem qabel ma gie ntavolat l-mandat ta' inibizzjoni numru 124/98 fl-istess ismijiet fit-23 ta' Settembru 1998….Il-kawza giet intavolata mill-attur fl-10 ta' Jannar 2000 cioe' kwazi sena u erba' xhur wara li sar il-mandat" (folio 19/20). Mill-atti tal-kawza dan hu ampjament dimostrat.

Minn naha tieghu l-konvenut jirribatti li : "l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut tirrigwarda z-zmien preskritt mill-ligi sabiex tigi ezercitata l-azzjoni ta' manutenzjoni, u cioe' ir-rekwizit li l-azzjoni tigi ezercitata fi zmien sena mill-att ta''molestja. Huwa minnu , kif rilevat mill-konvenut, illi l-molestja effetwata bdiet issehh iktar minn sena qabel ma giet intavolata din il-kawza. Madanakollu, l-okkupazzjoni ma kinitx wahda kontinwa u kif jirrisulta l-konvenut ghamel diversi atti li bihom immolesta lill-esponenti ripetutament. Iz-zmien ta' sena preskritt mill-ligi ghandu jiddekorri, mhux mill-ewwel molsteji li jsofri l-pussessur ghaliex dan ma jkunx konformi ma' dak preskritt mill-ligi li tipprovdi biss li sa sena qabel ma tittiehed l-azzjoni jkun hemm il-molestja. L-ghan taz-zmien ta' sena preskritt mill-ligi m'huwiex dak li jistultifika d-drittijiet tal-possessur izda dak li ma jippermettix lill-possessur jipposponi inutilment l-esercizzju tad-dritt tieghu. Dan ma jfissirx li possessur li jigi molestat kontinwament fil-pussess tieghu ikun qieghed juri nuqqas ta' hegga ghaliex jinizja l-azzjoni ta' manutenzjoni inqas minn sena wara l-ewwel atti molestanti".

Illi bir-rispett kollu l-qorti ma taqbilx ma dak li qieghed isostni l-konvenut meta jistqarr li l-ligi "tipprovdi sa sena biss qabel ma tittiehed l-azzjoni". Il-ligi ma tghidx hekk u lanqas ir-Ricci minnu kkwotat li fil-brani citati iqajjem punt interessanti dwar jekk il-perjodu ghandux jghodd mill-bidu tal-molestja jew minn fazi jew fazijiet sussegwenti meta l-istess molestja ma tkunx kontiunwa, liema punt huwa pero ta' rilevanza purament akademika ghal dan il-gudikat stante li mill-provi in atti ghandu jirrisulta wisq car li l-molestji lamentati jirrisalu massimu sas- 7 ta' Dicembru 1999 cioe' il-fuq minn sena minn meta giet intavolata l-kawza.

Illi pjutost dak li fil-fehma ta' din il-Qorti hu krucjali hi li "l-azione di manutenzione si deve esercitare entro un anno della molestia. Il-termine e' breve perche' si tratta della tutela di uno stato di fatto che puo

talvolta trovarsi in opposizione al diritto. Decorso questo termine non si puo’ piu esercitare l’azione possessoria, salva l’azione petitoria, la quale pero’ suppone il diritto nell’attore e ne esige la prova”.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut hija akkolta; kwindi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

(ft.) A. .M.Trigona
Magistrat

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur